MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta ta' l-14 ta' Gunju, 2012

Citazzjoni Numru. 450/2012

**SprachCaffe Co. Ltd (C-13381)**

***kontra***

**Selcuk Kucukkaya (143100L) personalment u bhala direttur ghan-nom u in rapprezentanza ta` CENSU Collection Co. Ltd. (C23103)**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors mahluf prezentat fit-8 ta` Mejju 2012 li jaqra hekk –

*1. Illi s-socjeta` rikorrenti hija Residential English Language School illi toffri servizzi ta` taghlim tal-lingwa Ingliza u akkomodazzjoni fost affarijiet ohra lil studenti*

*barranin, liema servizzi gew ukoll rezi fil-konfront ta` l-intimati;*

*2. Illi s-socjeta` rikorrenti, hija kreditrici ta` l-intimati fis-somma ta` tnejn u ghoxrin elf mitejn tnejn u tletin Ewro (€22,232.00) parti minn somma akbar ta` €23,695.00 (tlieta u ghoxrin elf, sitt mija hamsa u disghin Ewro), rapprezentanti servizzi rezi mis-socjeta` rikorrenti lill-intimati, u dana skond ma jirrizulta mill-ftehim maghmul bejn il-partijiet datat 20 ta` Awissu 2010;*

*3. Illi skond l-istess skrittura, ghalkemm l-intimati inghataw perjodu ta` sittin (60) xahar sabiex ihallsu s-somma minnhom dovuta lir-rikorrenti f`pagamenti mensili, l-intimati accettaw illi f`kaz illi jonqsu milli jaffetwaw pagamenti minnhom dovuti, is-socjeta` rikorrenti kellha d-dritt illi titlob il-hlas tal-bilanc kollu rimanenti f`daqqa. Fil-fatt fit-2 ta` Settembru 2010 l-intimati hallsu s-somma ta` elf erba` mija hamsa u sebghin Ewro (€1,475.00) tramite trasferiment bankarju rapprezentanti l-ewwel tliet skadenzi ta` pagament kif ukoll bank charges ta` tnax-il Ewro (€12.00) u sussegwentement ma sar l-ebda pagament iehor;*

*4. Illi ghalhekk ai termini tal-ftehim datat 20 ta` Awissu 2010, l-intimati sussegwentement intalbu jhallsu l-bilanc kollu rimanenti ta` tnejn u ghoxrin elf, mitejn tnejn u tletin Ewro (€22,232.00) illi fuqu nfethet din il-kawza, izda dan nonostante baqghu inadempjenti;*

*5. Illi ghalkemm l-intimati gew debitament interpellati diversi drabi, tramite ittra legali datata 1 ta` Novembru 2011 u ittra ufficjali datata 2 ta` Dicembru 2011 sabiex jersqu ghall-hlas tas-somma minnhom dovuta, l-istess intimati baqghu inadempjenti;*

*6. Illi dan id-debitu ta` tnejn u ghoxrin elf, mitejn tnejn u tletin Ewro (€22,232.00) huwa wiehed cert, likwidu u dovut u l-intimati m`ghandhom l-ebda eccezzjonijiet validi fil-ligi x`jissollevaw biex jopponu ghat-talbiet tar-rikorrenti, u b`hekk jezistu c-cirkostanzi kkontemplati fl-Artikoli 167-170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta biex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smigh.*

*7. Illi ghalhekk kellha tigi istitwita din il-procedura sabiex l-intimati jigu kkundannati illi jhallsu s-somma minnhom dovuta lir-rikorrenti ta` tnejn u ghoxrin elf, mitejn tnejn u tletin Ewro (€22,232.00).*

*Ghaldaqstant ir-rikorrenti titlob bir-rispett, ghar-ragunijiet hawn fuq premessi, li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

*1. Tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smigh ai tenur ta` l-Artikoli 167-170 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta` Malta;*

*2. Tiddikjara illi l-intimati jew min minnhom huma debituri tas-socjeta` rikorrenti Sprachcaffe Co. Ltd fis-somma ta` tnejn u ghoxrin elf, mitejn tnejn u tletin Ewro (€22,232.00) rapprezentanti servizzi rezi lilhom mill-istess socjeta` rikorrenti.*

*3. Tordna lill-intimati jew min minnhom ihallas lis-socjeta` rikorrenti Sprachcaffe Co. Ltd s-somma ta` tnejn u ghoxrin elf, mitejn tnejn u tletin Ewro (€22,232.00) rapprezentanti servizzi rezi lilhom mill-istess socjeta` rikorrenti.*

*Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta` l-ittra bonarja ta` l-1 ta` Novembru 2011 u ta` l-ittra ufficjali tat-2 ta` Dicembru 2011 u bl-imghax bl-oghla rata li tippermetti l-ligi sad-data*

*tal-pagament effettiv kontra l-intimati li huma minn issa ngunti in subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-atturi u l-elenku ta` dokumenti esebiti mar-rikors mahluf.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-lum.

Rat in-nota tal-kumpannija attrici prezentata llum li permezz taghha l-atti tal-kawza gew ceduti limitatament fil-konfront tal-konvenut Selcuk Kucukkaya personalment.

Rat in-nota tal-kumpannija konvenuta CENSU Collection Co. Ltd. prezentata llum li permezz taghha ammettiet it-talbiet attrici.

**Ghar-ragunijiet premessi, u wara l-ammissjoni tat-talbiet attrici kif dedotta mill-kumpannija konvenuta, taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi:**

**Fl-ewwel lok tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talbiet kollha attrici kif dedotti fil-konfront tal-konvenut Selcuk Kucukkaya personalment stante cessjoni tal-atti tal-kawza mill-kumpannija attrici fil-konfront tieghu.**

**Fit-tieni lok tiddikjara li l-kumpannija konvenuta CENSU Collection Co. Ltd. hija debitrici tal-kumpannija attrici fis-somma ta` tnejn u ghoxrin elf, mitejn tnejn u tletin Euro (€22,232).**

**Fit-tielet lok tikkundanna lill-kumpannija konvenuta CENSU Collection Co. Ltd. thallas lill-kumpannija attrici s-somma ta` tnejn u ghoxrin elf,**

**mitejn tnejn u tletin Euro (€22,232) bl-imghax legali b`effett mil-lum sad-data tal-effettiv pagament.**

**Fir-raba` lok tikkundanna lill-kumpannija konvenuta CENSU Collection Co. Ltd. sabiex thallas l-ispejjez kollha ta` din il-kawza, inkluzi dawk ta` l-ittra bonarja ta` l-1 ta` Novembru 2011 u ta` l-ittra ufficjali tat-2 ta` Dicembru 2011.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------